**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Lydon Zammit]**

**[Spettur Stephen Gulia]**

**vs**

**Bratislav Makaric**

**Kumpilazzjoni Numru:625/23**

**Illum, 12 ta' Awwissu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bratislav Makaric detentur tal-Passaport Serb bin-numru 014840199

Akkuzat:

1. Talli nhar l-4 ta' Awwissu 2023 għal ħabta ta' bejn 01:15Hrs u 02:00Hrs ta' filgħodu ġewwa il-parkegg tal-"Park and Ride" ta' Pembroke u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkommetta serq ta' oġġetti u flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Malcolm Camilleri u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Malcolm Camilleri kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaccettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom.

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioè l-Artikoli 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 270, 271(g), 275, 277(b), 280(2), 281(b), 86, 87(1) (c) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, il-Qorti qed issib lill-imputat Bratislav Makaric hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghall-ewwel (1) akkuza u t-tieni (2) akkuza tikkundannah ghal sentejn (2)

prigunerija, filwaqt li ghat-tielet (3) akkuza tikkunannah multa ta' mija u ghoxrin ewro (€120).

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**